MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2009

Talba Numru. 834/2008

**Mobisle Communications Limited (C 24655)**

**vs**

**Carmela Xuereb**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' sitt mija u seba` u tlettin ewro (€637) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuta lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1017689 in rigward ghal servizi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn is-sena 2007 u s-sena 2008.

Bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra ufficjali tat-30 ta' April, 2008, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-Att, dawk ta` l-ittra ufficcjali lil banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghaxijiet sad-data tal-

pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie pprezentat Kapitolu fl-24 ta' Frar, 2009 mill-Prokuratur Legali Peter Sammut u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------